# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**
**Spettur Lara Butters**

**Kontra**

**Ngo Thi Hoai**

Illum 29 ta' Lulju, 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoijiet migjuba kontra **Ngo Thi Hoai**, ta' 23 sena, Nazzjonalita Vietnam, bint Ngo Van Toan u Chu Thi Ha, imwielda Nghe An - Vietnam nhar is- 17 ta' Settembru, 2000, prezentament bla residenza fissa, u detenitrici ta' Passaport Vietnamiz Numru C9852562;

talli fit-28 ta' Lulju, 2023 u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Kellha f'idha Passaport maħruġ minn awtorià kompetenti, jew li, ittrasferixxiet dan il-passaport lil persuna oħra jew irċieviet passaport li ġie ittrasferit lilha minn persuna oħra (Kap 61, Sec 3 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamlet użu jew ittantat li tagħmlu użu minn Passaport maħruġ lil persuna oħra; (Kap 61, Sec 4 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. U aktar talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi taht prospet falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1c) tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenz tal-29 ta ' Lulju, 2023 saret l-ezami tal-imputata fejn saret l-ammissjoni tal-imputata fejn il-Qorti wissiet l-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhau ghall-imputazzjonijiet kontestati lilha, inkluz li minhabbba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibha hatja u tikkundannaha ghal-piena

li tista tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li taghtha zmien bizzejjed sabiex anke tikkonsulta mal-Avukat Difensur u tiddeciedi jekk hux sejjra terga lura mill-ammissjoni registrata minnha semghet lill-imputata itenni li hija hatja tal-imputazzjoniejt migjuba kontriha.

Rat l-artikoli art 3 u 4 tal- Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta u art 32(1c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.
Semghet l-ammissjoni tal-imputat.
Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebitit.
Semghet t-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Rat li fi stadju bikri hafna tal-proceduri l-imputata ammettiet l-akkuzi li tressqu fil- konfront taghha.

Decide

Ghal dawn ir-ragunijiet tikkundanna lil Ngo Thi Hoai ghal sitt (6)

xhur habs effettivi .

**Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Magistrat**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**